MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 89/2004

**Ted Gatt**

**vs**

**Lawrence Caruana**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru, 2004 fejn prevja d-dikjarazzjoni li hija dovuta lill-attur is-somma ta' tliet mija u seba' u sittin liri maltin u sitta u hamsin centesimi (Lm367.56), bhala hlas ta' xoghol u spejjez li saru mill-attur fuq dghajsa ossia pleasure craft, liema xoghol u spejjez saru fuq inkarigu specifiku tal-attur u bl-obbligazzjoni tal-hlas, liema ammont mitlub jirrizulta aktar dettaljat fuq il-prospett anness u markat A u li jinkludi l-VAT, tigi kkundannat li thallas l-istess somma lill-attur bl-imghax legali mid-data ta' meta tlestew ix-xogholijiet sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont kif pretiz mill-attur huwa wiehed esagerat u mhux dovut fl-intier tieghu stante illi l-ftehim kien li kellu jkun hemm hamsa u tletin siegha ta' xoghol. Oltre dan il-materjal indikat fil-kont, hlief ghat-tefnol, ma ntuzax.
2. Illi oltre dan il-konvenut m'ghandu jbati l-ebda spejjes stante illi huwa kien dispost u mar biex ihallas is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) lill-attur u kien l-attur stess li rrifjuta dan il-pagament. Il-konvenut fil-fatt ghadu dispost li jhallas dan l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ghax-xoghol li sar, liema pagament jikkumpensa b'mod adegwat ix-xoghol li sar fuq id-dghajsa tieghu.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Ted Gatt.
Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fil-21 ta' Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u ghaldaqstant id-domandi fil-kapitolu ghandhom jigu meqjusa bhala imwiegba.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma mitluba, u jikkundannah ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm367.56) bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Lulju, 2004, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------